



L-Istitut Ewropew
għall-Ugwjaljanza bejn is-Sessi

BIDLA STRUTTURALI FIL-QASAM TAR-RIĊERKA



Din il-pubblikkazzjoni tħejjiet taħt il-programm ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Din hija disponibbli online permezz tal-Pjattaforma ta' Integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-EIGE: <http://eige.europa.eu/gender-mainstreaming>

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ħoloq il-Pjattaforma online dwar Integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jappoġġa lill-istituzzjonijiet u l-korpi governattivi tal-UE bl-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fix-xogħol tagħhom. Il-Pjattaforma tipprovd iċ-ċarri dwar ir-relevanza tas-sessi f'diversi oqsma ta' politika u toffri għodod online għal integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-Pjattaforma tgħin għat-titjib ta' kompetenzi individwali u istituzzjonali biex tintegra kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'oqsma settorjali differenti u matul l-istadji differenti tal-iż-żvilupp ta' kull politika/programm/proġett. L-fehim dwar kif jiġu ppjanati, implementati, immonitorjati u evalwati l-politiki minn perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi jsaħħa il-politiki tal-UE u jżid ir-relevanza u r-rispons tagħhom għas-soċjetà.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, EIGE

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru t'għarfien fi ħdan l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE tapoġġja kemm lil min ifassal il-politika kif ukoll-istituzzjonijiet relevanti kollha, fl-isforzi tagħhom biex jmexxu l-quddiem l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ħalli din ssir reallta għall-Ewropej kollha, billi tipprovdilhom tagħrif espert speċifik u data komparabbi w-affidabbli marbut mal-ugwaljanza tas-sessi fl-Ewropa.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, EIGE

Gedimino pr. 16

LT-01103 Vilnius

LITHUANIA

Tel. +370 52157444

E-mail: eige.sec@eige.europa.eu

<http://www.eige.europa.eu>

<http://www.twitter.com/eurogender>

<http://www.facebook.com/eige.europa.eu>

<http://www.youtube.com/eurogender>

<http://eurogender.eige.europa.eu>

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitkolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista'jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgo: L-Uffiċċju tal-Pubblikkazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Print ISBN 978-92-9493-691-2 doi:10.2839/36927 MH-04-17-156-MT-C

PDF ISBN 978-92-9493-699-8 doi:10.2839/792604 MH-04-17-156-MT-N

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Bidla strutturali fil-qasam tar-riċerka



Werrej

| | |
|---|----------|
| 1. X'ini? | 4 |
| 2. Għaliex hija meħtieġa? | 4 |
| L-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla bħala ambjenti preġjudikati fir-rigward tas-sessi | 4 |
| Preġudizzju lejn is-sess inkonxju jew impliċitu | 4 |
| Kif l-irġiel iħarsu lejn ix-xjenza | 5 |
| In-nisa fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla: in-numri qed jitjiebu, iżda għalxiex daqshekk bil-mod? | 5 |
| Riċerka insensibbli għall-ispeċifiċità tas-sessi u preġjudikata fir-rigward tas-sessi | 5 |
| 3. Il-Pjan tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala għodda għal bidla strutturali | 6 |
| 4. Min hu involut? | 7 |
| Struttura biex tappoġġja x-xogħol tal-ugwaljanza bejn is-sessi | 7 |
| Postijiet ta' tmexxija u ġestjoni għolja | 7 |
| Maniġers | 8 |
| Persunal ta' riċerka u/jew ta' tagħlim | 8 |
| Dipartiment tar-riżorsi umani | 8 |
| Studenti | 8 |



1. X'inki?

Bidla istituzzjonal hija strateġija li għandha l-għan li tneħħi l-ostakoli għall-ugwaljanza bejn is-sessi li huma inerenti fis-sistema tar-riċerka nnifisha u fl-adattament ta' praktiki is-istituzzjonal. F'approċċ ta' bidla istituzzjonal, l-attenzjoni hija fuq l-organizzazzjoni.

Fl-ERA, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla huma mistiedna jimplimentaw bidla

istituzzjonal relatata mal-ġestjoni tar-riżorsi umani, il-finanzjament, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-programmi ta' riċerka. L-objettivi prinċipali tal-bidla istituzzjonal huma biex itejbu r-rappreżentanza u ż-żamma tan-nisa fil-livelli kollha tal-karrieri xjentifiċi tagħhom u biex jippromwovu l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi fir-riċerka u fil-kontenut ta' innovazzjoni.

2. Għaliex hija meħtieġa?

Kemm **in-nisa kif ukoll l-irġiel qed jaħdmu f'organizzazzjonijiet ta' riċerka u f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla**, u jieħdu rwoli distinti, bħat-twettiq ta' riċerka, jgħall-mu, ġestjoni tal-persunal u strutturi, jew jimplimentaw proċeduri. Fl-istess ħin, **l-istituzzjonijiet ta' riċerka u ta' edukazzjoni ogħla jaħdmu wkoll għan-nies**. Filwaqt li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla jikkontribwxu fit-taħbiż-żgħix ta' professjonisti nisa u rġiel tal-futur, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jinvestigaw spettru divers ta' suġġetti li jaf-fettaww il-ħajnej tan-nisa u tal-irġiel.

Biex tiġi indirizzata r-(ri)produzzjoni tal-inugwaljanzi fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla, huwa kruċjali li jiġi identifikati u indirizzati l-mekkaniżmi li jkunu jeħtieġ li jinbidlu. Madankollu, it-twettiq ta' azzjonijiet iż-żolati ma jkun effettiv daqs l-indirizzar tal-istruttura fl-intier tagħha, permezz ta' approċċi komprensivi u olistiċi. Il-bidla istituzzjonal hija meħtieġa għaliex tkun ta' benefiċju għall-organizzazzjoni fl-intier tagħha, u b'mod iktar ġenerali għas-soċjetà. Diversi mekkaniżmi għandhom it-tendenza li (jirriproduċu) jipproċ-ċu l-inugwaljanzi fl-istituzzjonijiet tar-riċerka.

L-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla bħala ambjenti preġudikati fir-rigward tas-sessi

Teżisti evidenza qawwija fir-riċensjoni u fl-istatistiki li l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla jirriproduċu valuri soċjali li jwasslu għal preġudizzju/diskriminazzjoni bejn is-sessi (bħal f'ħafna mill-oqsma l-oħra tas-soċjetà). In-nisa u l-irġiel għandhom it-tendenza li jikkonċentraw fċerti oqsma xjentifiċi (segregazzjoni orizzontali). Pereżem-pju, filwaqt li n-nisa huma iktar probabbli li jkunu f'oqsma

bħax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, l-irġiel huma iktar inklinati biex jistudjaw, jgħallmu u/jew jirriċerkaw suġġetti relatati mal-ingġinerja jew mat-teknoloġija. L-għażiż sterjotipiċi tas-suġġetti tal-studenti għalhekk huma tassew waħda ta' tħassib. Il-karigi b'ġerarkija għolja spiss ikunu okkupati mill-irġiel (segregazzjoni vertikali). Barra minn hekk, ir-riċerka u t-tagħlim ta' spiss jidħru li ma jagħtux każ tad-dimensjoni tas-sessi importanti fl-approċċ, il-kontenut u l-analiżi tagħhom. Ir-riżultat ikun li l-fehmiet, l-esperjenzi u l-ħtieġijet ta' nofs il-popolazzjoni jirriskjaw li jiġi injorati jew miċħuda. Dan, min-naħħa tiegħu, imbagħad iwassal għal prodotti, servizzi u politiki li jkunu inqas minn optimali għaliex ikunu mmirati u jservu biss proporzjon tas-soċjetà.

Preġudizzju lejn is-sess inkonxju jew impliċitu

"Preġudizzju inkonxju huwa meta nagħmlu ġjudizzji jew deċiżjonijiet fuq il-bażi tal-esperjenza ta' qabel tagħna, li nkunu ilna niġimgħu aħna stess permezz ta' mudelli, suppożżjoniżżejjet jew interpretazzjoniżżejjet u li ma nkunux konxji li qed nagħmluh," jispjega I-Professur Uta Frith f'nota ta' tagħrif dwar il-preġudizzju inkonxju mis-Soċjetà Rjali (l-akademja xjentifiċka mir-Renju Unit u mill-Commonwealth). Il-preġudizzju inkonxju jew impliċitu huwa kritiku u problematiku meta jkun fil-valutazzjoni jew fl-evalwazzjoni tannies (pereżempju għall-elezzjoni għal karigi jew pożizzjoniżżejjet, boroż ta' studju u premijiet, eċċi) għaliex jimpedixxi ġjudizzju oġġettiv u ġust. Kif jindika l-isem b'mod ċar, in-nies jaġi ikollhom preġudizzju li ma jkunux konxji tiegħu, madankollu jeżistu tekniki biex titqajjem sensibilizzazzjoni u tit-tieħed azzjoni dwarhom.

Kif l-irġiel iħarsu lejn ix-xjenza

Minn età bikrija, nitgħallmu nassoċjaw ix-xjenza mal-irġiel. Dan is-suġġett ilu jiġi rriċerkat b'mod estensiv tul dawn l-aħħar deċċennji. Kif muri fi studju riċenti li jkɔpri 66 pajjiż mid-dinja kollha (Miller, Eagly and Linn, 2014), jeżistu relazzjonijiet b'saħħithom bejn ir-rappreżentanza tan-nisa fix-xjenza u l-isterjotipi nazzjonali relatati mas-sessi u x-xjenza, jiġifieri l-irġiel għandhom it-tendenza li jkunu iktar as-soċjati max-xjenza minn nisa. Din is-sejba tgħodd ukoll għal pajjiż fejn in-nisa kienu bejn wieħed u ieħor nofs il-maġġuri tax-xjenza nazzjonali u riċerkaturi impiegati.

In-nisa fl-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-edukazzjoni ogħla: in-numri qed jitjiebu, iżda għalxiex daqshekk bil-mod?

Skont *She figures handbook* l-aktar riċenti tal-Kummissjoni Ewropea, fl-2012, 33 % tar-riċerkaturi Ewropej biss kienu nisa. Dan il-perċentwal għandu t-tendenza li saħansitra jkun iktar baxx foqsma tipikament iddominati mill-irġiel. Matul is-snini, *She figures* ipprova wkoll evidenza li n-nisa storikament kienu sottorappreżentati fil-parti ta' fuq tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla. Dawn is-sejbiet kienu diżappuntanti għall-aħħar, peress li fl-2012, il-perċentwal tal-gradwati Phd Ewropej nisa ammonta għal 47 %.

Madankollu, ta' min jenfasizza l-progress miksub tul l-aħħar 10 snin. Kif indikat f'*She figures 2015*, il-kwota ta' gradwati tal-PhD nisa telgħet minn 43 % fl-2004 għal 47 % fl-2014. Il-kwota tan-nisa fl-ogħla livell tal-karriera akademika tel-għet minn 18 % fl-2007 għal 21 % fl-2013. Il-kwota tal-kapijiet

nisa tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla telgħet minn 15.5 % fl-2010 għal 20 % fl-2014.

Iktar riċenti, jista' wkoll jiġi nnutat li n-numru ta' riċerkaturi nisa kiber b'mod iktar mgħaqgħel minn numru tal-irġiel. Xej-ra simili hija nnutata fin-numru ta' xjenzati u inġiniera nisa. Ix-xjenzati nisa qed il-aħħqu mal-irġiel, iżda l-progress għadu bil-mod wiśq. Il-kwota tan-nisa fl-ogħla grad ta' karriera xjentifika hija biss ta' 20 %, kif inhi l-kwota tal-kapijiet nisa fl-universitatijiet.

Ninsabu fit-triq it-tajba iżda għad baqalna x'naħħidmu. Wasal iż-żmien li naċċelleraw il-proċess u finalment inkunu żguri li x-xjenzati nisa kollha tagħha jkollhom il-karriera li jistħoqqilhom.

Riċerka insensibbli għall-ispeċifiċità tas-sessi u preġudikata fir-rigward tas-sessi

Ħafna riċerka għadha insensibbli għall-ispeċifiċità tas-sessi jew preġudikata lejn is-sessi. Dan pereżempju jseħħi meta r-riżultati tar-riċerka jiġu estrapolati għall-popolazzjoni fl-intier tagħha, mingħajr kunsiderazzjoni xierqa tal-kompożizzjoni tal-kampjun. Pereżempju, fir-riċerka medika ta' spiss jiġri li l-annimali maskili biss jintużaw għat-testijiet.

Is-sess u l-ġeneru huma determinanti fundamentali tal-organizzazzjoni tal-ħajja u s-soċjetà. Għalhekk, fil-ħolqien tal-ġħarfien xjentifiku huwa importanti ħafna li jiġu rikonoxxuti u li jitqiesu dawn id-differenzi.



3. Il-Pjan tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi bħala għodda għal bidla strutturali

Fil-kuntest speċifiku tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-is-tituzzjonijiet ta' edukazzjoni oħħla, il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra **Pjan ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi** bħala sett ta' azzjonijiet immirati lejn:

1. it-twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt/verifikasi tal-proċeduri u l-prattiki biex jidentifikaw il-preġudizzju fir-rigward tas-sessi;
2. l-identifikazzjoni u l-implementazzjoni ta' strateġiji innovattivi għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe preġudizzju;
3. l-istabbiliment u s-sorveljanza tal-progress permezz ta' indikaturi⁽ⁱ⁾.

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' GEP jista' jvarja bis-sħiħ, skont it-tip ta' organizzazzjoni li twettaq ir-riċerka, il-kuntest isti-ttuzzjonali li hija implementata fih, id-dixxiplini indirizzati jew it-tip ta' preġudizzji fir-rigward tas-sessi jew l-inugwaljanzi identifikati bħala parti mid-dijanjożi.

GEP jista' jinqasam f'diversi passi u fażiġiet, li kull wieħed minnhom jeħtieġ tipi ta' interventi speċifiċi.

- 1. Fażi ta' analiżi**, li fiha tinġabar **data** diżaggħegħata skont is-sessi; proċessi u prattiki jiġu vvalutati b'mod kritiku bil-ħsieb li jiskopru inugwaljanzi bejn is-sessi u preġudizzju lejn is-sessi.
- 2. Fażi ta' ppjanar**, li fiha jiġu definiti objettivi, jiġu stabiliti miri, jiġu deċiżi azzjonijiet u miżuri biex jirrimedjaw il-problemi identifikati, jiġu attribwiti riżorsi u responsabbiltajiet u jiġu miftiehma skedi ta' żmien.
- 3. Fażi ta' implementazzjoni**, li fiha jiġu implementati attivitajiet u jitwettqu sforzi ta' l-huq sabiex gradwalment jespandu n-netwerk tal-partijiet ikkonċernati.

4. Fażi ta' monitoraġġ, li fiha jiġu segwiti u vvalutati b'mod regolari l-proċess u l-progress. Is-sejbiet mill-eżerċizzju/i ta' sorveljanza jippermettu miżuri u attivitajiet ta' aġġustament u ta' titjib, sabiex jiġu ottimizzati r-riżultati.

Dan is-sett ta' azzjonijiet, li jista' jkollu gradi ta' kumples-sità differenti, huwa maħsub biex jartikola ħsieb strateġiku mmirat biex jikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi. Injazzattivi bħall-adozzjoni ta' objettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi ġenerali ma jikkostitwixxux per se strateġija/pjan tal-ugwaljanza bejn is-sessi, peress li dawn l-impennji jridu jimmaterjalizzaw f'sett ta' passi u azzjonijiet konkreti li għandhom jitwettqu. Għall-istess raġuni, strateġija u/jew pjan usa' jew kontra d-diskriminazzjoni li jindirizza l-ġeneru fost kwistojni-jiet oħra, ma jenħtieġ li jkun awtomatikament ugħali bħal Pjan ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi. Jekk strateġija bħal din ma tiddependix minn **data** biżżejjed dwar il-ġeneru u tindirizza biss il-ġeneru permezz ta' numru limitat ta' miżuri u indikaturi, huwa improbabbi li verament tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-mod ta' kif qed jiġu indirizzati l-preġudizzji u l-inugwaljanzi jista' jvarja wkoll, flimkien mal-approċċ magħżul u d-disponibbiltà tal-kompetenza interna jew esterna tas-sessi. Riċentament, il-preġudizzji u l-inugwaljanzi bejn is-sessi bdew jiġu indirizzati iktar u jqisu l-intersezzjoni tagħhom ma' kampijiet oħra ta' inugwaljanza bħad-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, ir-religion jew l-etniċità. L-indirizzar ta' inugwaljanzi oħra li jintersezzjonaw mal-ġeneru jistgħu joffru ingranaġġi għal bidla u jistgħu jispiraw ukoll azzjonijiet u strateġiji komprensivi. Madankollu, jeħtieġ ukoll iktar riżorsi analitiċi, **data** u firxa usa' ta' kompetenza mill-indirizzar tal-ġeneru separatament minn kampijiet ta' inugwaljanzi oħra.

(i) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Shubja Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Ēċċellenza u għaq-Tkabbir" (COM(2012) 392 final); <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2012/MT/1-2012-392-MT-F1-1.Pdf>

4. Min hu involut?

Bħala prinċipju, il-partijiet ikkonċernati kollha ta' organizzazzjoni ta' riċerka jew ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla huma mmobilizzati biex jiżviluppaw u jimplimentaw GEP. L-involviment tagħhom, li jista' jkun dirett jew iktar indirett skont il-profil tal-parti ikkonċernata, joħloq sens ta' appartenenza li jgħin biex jegħleb l-ostakoli u r-reżistenzi tul il-proċess fil-livelli kollha.

Għalkemm l-istruttura organizzattiva tal-universitajiet Ewropej u tal-istituzzjonijiet ta' riċerka tvarja, tipi varji ta' atturi elenkat hawn taħt (għandhom) ikunu involuti f'GEP. Ir-responsabbiltajiet tagħhom iridu jiġu miftiehma b'mod reċiproku u jkunu ċari sa mill-bidu nett. Il-kooperazzjoni tagħhom hija kruċjali għall-iż-żvilupp ta' suċċess u l-implementazzjoni ta' GEP.

Struttura biex tappoġġja x-xogħol tal-ugwaljanza bejn is-sessi

L-ewwel nett, pjani tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandu jiġi appoġġat bis-sħiħ minn struttura ddedikata. L-istrutturi biex jappoġġaw ix-xogħol tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma arranġamenti organizzattivi ddedikati li huma inkārigati biex jappoġġaw il-bidla strutturali lejn ugwaljanza bejn is-sessi permezz tax-xogħol tagħhom. Struttura bħal din jista' jkun li diġà teżisti fl-organizzazzjoni ta' riċerka jew istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla. Eżempji jinkludu: ufficċċi/unitajiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi, servizzi ta' aġenti jew netwerks tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Huma l-aħjar postijiet biex jibdew, jiżguraw l-implimentazzjoni u jissorveljaw il-GEP. Jekk l-organizzazzjoni tiegħek ma għandhiex struttura bħal din, il-ħolqien tagħha jista' jkun waħda mill-miżuri tal-pjan tiegħek.

Dawn l-istrutturi jkunu iktar effettivi meta:

1. jkunu komposti minn iktar minn (l-ekwivalenti ta') persuna waħda li taħdem full time u li l-mandat tagħha huwa ddedikat biss biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi;
2. ma jaħdmux f'iżolament u jkollhom netwerk tajjeb;
3. ikunu pubblikament appoġġati minn eżekutti tal-ogħla livell (eż. rettur tal-università jew dekan jew direktur ta' ċentru ta' riċerka).

X'inhu r-rwol ta' struttura biex tappoġġja x-xogħol tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'GEP?

1. Tistabbilixxi, timplimenta, tissorvelja u tevalwa l-GEP.
2. Tipprovd appoġġ prattiku u għodod lill-atturi involuti fl-implimentazzjoni tal-GEP.
3. Tikkoopera u tempenna lill-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha, sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-GEP.
4. Tqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni tar-riċerka.
5. Tivaluta l-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni.

Postijiet ta' tmexxja u ġestjoni għolja

Dawn huma l-atturi responsabbi mit-tmexxja tal-organizzazzjoni. Billi fl-istituti tal-edukazzjoni ogħla jistgħu jkunu rettur jew kanċillier, fl-organizzazzjoni ta' riċerka jistgħu jkunu president tal-bord jew direktur. Għandhom is-setgħa jieħdu deċiżjonijiet u għalhekk huma alleati importanti ħafna meta jkun qed jiġi stabbilit u implimentat GEP.

X'inhu r-rwol tal-karigi ta' tmexxja u ta' ġestjoni għolja f'GEP?

1. Pubblikament jappoġġaw il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni tiegħi.
2. Japrova pubblikament il-GEP u lill-istruttura responsabbi mill-implimentazzjoni tiegħi. Pereżempju, ara l-vidjaw dwar il-kampanja HeForShe, avveniment li sar f'Sciences Po (Pariji), b'interventi mid-direttur u l-prepostu ta' Sciences Po, espliċitament jappoġġa l-ugwaljanza bejn is-sessi: <https://www.youtube.com/watch?v=b834mK1nlcw>
3. Jagħmlu disponibbli biżżejjed rīzorsi finanzjarji u umani biex jimplimentaw il-GEP.
4. Japrova id-dokumentazzjoni, il-proċeduri u l-attività rilevanti li jappoġġaw bidla strutturali lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni.
5. Jitolbu aġġornamenti regolari rigward l-implimentazzjoni tal-pjan u progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi.



Maniġers

Dawn l-atturi huma inkarigati mill-ġestjoni ta' kuljum tad-dipartimenti tal-organizzazzjoni. Fil-kuntest tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka, dawn l-atturi jinkludu dekani ta' fakultajiet, kapijiet ta' dipartimenti jew diretturi ta' servizzi. Jista' jkollhom relazzjoni iktar mill-qrib mal-personal tat-tagħlim u/jew ta' riċerka, kif ukoll mal-istudenti (skont l-organizzazzjoni).

X'inhu r-rwol tal-maniġers f'GEP?

1. Jappoġġaw pubblikament il-GEP.
2. Jiżguraw l-implementazzjoni prattika tal-miżuri, il-proċeduri u l-attivitàjet meħtieġa mill-management għoli u elenkti fil-GEP.
3. Jippromwovu inċentivi biex jiżguraw l-integrazzjoni ta' dimensjoni tas-sessi fir-riċerka u t-tagħlim.
4. Jagħtu struzzjonijiet lill-unitajiet rilevanti biex jipprovd informazzjoni u **data** biex jissorveljaw l-implementazzjoni tal-GEP u l-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Persunal ta' riċerka u/jew ta' tagħlim

Persunal b'responsabbiltajiet ta' riċerka u/jew tagħlim jista' jkollu rwol radikali biex ibiddel il-mod li bih jiġu mgħallma d-dixxiplini u l-mod ta' kif issir ir-riċerka. L-integrazzjoni ta' dimensjoni tas-sessi fir-riċerka u kontenut ta' innovazzjoni u fit-tagħlim tiftaħ orizzonti ġodda u toħloq għarfiem ġdid. Il-kunsiderazzjoni ta' dimensjoni tas-sessi fir-riċerka jista' jkollha impatt b'saħħtu u pożittiv fuq is-soċjetà u fit-titjib tal-ħajjet tan-nies.

X'inhu r-rwol tar-riċerka u/jew tal-persunal tat-tagħlim f'GEP?

1. L-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u t-tagħlim (ara t-taqṣima dwar "l-integrazzjoni tas-sessi fil-kontenut tal-edukazzjoni u r-riċerka").
2. Il-parċeċipazzjoni b'mod attiv fl-inizjattivi organizzati fil-qafas tal-GEP.
3. Instigaturi tal-bidla billi jiddibattu l-i-status quo tal-organizzazzjoni u jipproponu miżuri biex jippromwovu bidla strutturali.
4. Jorganizzaw attivitajiet li jiffukaw fuq l-integrazzjoni ta' dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni u/jew li jikkontribwixxu biex jippromwovu bidla strutturali biex imexxu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni.

Pereżempju, l-Università ta' Santiago de Compostela ħolqot premju biex tirrikonoxxi u tagħmel viżibbli proġetti ta' riċerka eżistenti u prattiki ta' tagħlim li jispikkaw biex jintegraw dimensjoni tas-sessi.

Dipartiment tar-riżorsi umani

Id-dipartiment responsabbi mill-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-organizzazzjoni huwa essenzjali biex jippromwovi bidla strutturali lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan id-dipartiment jista' jippromwovi proċeduri u miżuri iktar ġusti u bla preġudizzju li jikkontribwixxu għall-ilħuq ta' kompożizzjoni bbilanċjata bejn is-sessi tal-persunal tal-organizzazzjoni. Barra minn hekk, jista' jimplimenta miżuri li jiżguraw progress ugħali fil-karriera u rikonċiljazzjoni bbilanċjata tal-ħajja tax-xogħol u l-familja.

X'inhu r-rwol tal-persunal tar-riżorsi umani f'GEP?

1. Jiġbor u jirrapporta dwar **data** diżagggregata skont is-sessi dwar il-persunal tal-organizzazzjoni fuq bażi sistematika.
2. Jiżviluppa indikaturi sensittivi għas-sessi u speċifiċi għas-sessi biex jissorvelja l-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjoni.
3. Jirrieżamina u/jew joħolqu miżuri u proċeduri ta' reklutaġġ u għażla li jikkontribwixxu għal kompożizzjoni bbilanċjata bejn is-sessi tal-persunal tal-organizzazzjoni fil-livelli kollha.
4. Jirrieżamina u/jew jistabbilixxi miżuri mmirati lejn rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja professionali u familjari, id-dmirijiet ta' ħidma u ta' kura.
5. Jirrieżamina u/jew jistabbilixxi politika kontra l-fastidju u proċedura tal-ilmenti.

Studenti

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom respon-sabbiltà maġġuri fl-istruzzjoni tal-istudenti tagħhom. Dan jinkludi ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tagħhom lejn kwistjoni rilevanti għas-sessi fid-dixxiplini u l-oqsma ta' suġġetti kollha. Barra minn hekk, iridu wkoll jiġu mħeġġin u mgħallma biex jintegraw u japplikaw perspettiva tas-sessi fir-riċerka tagħhom. L-istudenti jistgħu jsiru għalliema jew riċerkaturi huma stess. Li titqajjem sensibilizzazzjoni u sensittivitā tal-istudenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tikkontribwixxu għall-bidla u l-imġiba f'oqsma oħrajn tal-ħajja tagħhom.

X'inhu r-rwol tal-istudenti f'GEP?

1. Jipparteċipaw b'mod attiv fl-inizjattivi organizzati fil-qafas tal-GEP.
2. Jintegraw id-dimensjoni tas-sessi fil-kontenut tar-riċerka.
3. Jitgħallmu jidentifikaw preġudizzji bejn is-sessi.

MH-04-17-156-MT-N



<http://eige.europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet

ISBN 978-92-9493-699-8